

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Kuka Systems GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 104, 3.4.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2017 – Salehi vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-773/16) ⁽¹⁾**

[“Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Regolament (KE) Nru 539/2001 — Nuqqas tal-Kummissjoni li tadotta atti ta' implementazzjoni li jirrigwradaw is-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-obbligu tal-viża għal ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi — Teħid ta' azzjoni mill-Kummissjoni — Inammissibbiltà manifesta”]

(2017/C 412/46)*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrent: Dominik Salehi (Bremen, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Drews, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Cattabriga u G. Wils, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiża sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ddeżistiet illegalment milli tadotta atti ta' implementazzjoni fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001, tal-15 ta' Marzu 2001, li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u daww iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 65), u milli tibgħat notifika lir-rikorrent.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Dominik Salehi huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 53, 20.2.2017.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2017 – Karp vs Il-Parlament**(Kawża T-580/17)****(2017/C 412/47)***Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrent: Kevin Karp (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: N. Lambers u R. Ben Ammar, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew